REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 842/2010

tat-23 ta' Settembru 2010

li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS [dwar l-OKS Unika]) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 614/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin ([2]), u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 ([3]) stipula r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tad-dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u stipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontrolli regolari tal-informazzjoni li tipprovdi l-bażi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom ikunu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini. Jeħtieġ għalhekk li jiġu ppublikati prezzijiet rappreżentattivi.

(3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq, jeħtieġ li din l-emenda tiġi applikata malajr kemm jista' jkun.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jinbidel bl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 181, 14.7.2009, p. 8.
([3]) ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47.

ANNESS

għar-Regolament tal-Kummissjoni tat-23 ta' Settembru 2010 li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95

"ANNESS I

Kodiċi NM	Deżinjazzjoni tal-merkanzija	Prezz rappreżentattiv (f'EUR/100 kg)	Garanzija msemmija fl-Artikolu 3(3) (f'EUR/100 kg)	Oriġini [1]
0207 12 10	Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 70 %, iffriżati	137,4	0	BR
		146,0	0	AR
0207 12 90	Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 65 %, iffriżati	127,2	0	BR
		143,2	0	AR
0207 14 10	Qatgħat dissussati ta' sreidak jew ta' tiġieġ, iffriżati	212,6	26	BR
		269,1	9	AR
		334,7	0	CL
0207 14 50	Sdieri tat-tiġieġ, iffriżati	188,4	7	BR
0207 14 60	Koxox tat-tiġieġ, iffriżati	137,9	2	BR
0207 27 10	Qatgħat dissussati tad-dundjani, iffriżati	283,3	4	BR
		314,5	0	CL
0408 11 80	Isfra tal-bajd	318,9	0	AR
0408 91 80	Bajd imnixxef bla qoxra	347,8	0	AR
1602 32 11	Preparazzjonijiet nejjin ta' sriedak u tiġieġ	285,8	0	BR
3502 11 90	Albumini mnixxfa tal-bajd	544,8	0	AR

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi 'ZZ' jirrappreżenta 'oriġini oħra'."